# IL  PJAN TAL-LEZZJONI 3.13

**Kap 3: IL-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.13: Ġesù ma' nies differenti**

**Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. It-tfal jindunaw kif Ġesù kien iġib ruħu differenti ma' nies differenti.
2. It-tfal jindunaw li għalkemm irridu nħobbu lil kulħadd jekk ikun hemm xi tfal li ma jġibux ruħhom sew, irridu naħarbuhom.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kanzunetta 'Jesus loves the little children'

https://www.youtube.com/watch?v=4CBtA1A-cR8



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal:
    - Ġesu kif kien iġib ruħu mat-tfal - kien jirrabja jew iħobbhom?
    - Kif kien iġib ruħu ma' nies li jagħmlu d-dnub? Kien jirrabja jew jaħfrilhom?
    - Kif kien iġib ruħu mal-qassisin? Kien jirrabja, iwissihom jew kien ikellimhom bi kliem ħelu?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-vidjow ta' kif Ġesù kien iġib ruħu mat-tfal. Anke meta kien ikun għajjien kien jieħu gost bit-tfal.
2. Staqsi jekk jiftakrux kif kien iġib ruħu mal-morda. Kien jieħu paċenzja bihom u anke meta kien ikun għajjien kien imur ifejjaqhom.
3. Fakkar kif kien ġab ruħu mas-Samaritana. Staqsihom: Kien irrabja magħha għax kienet mara ħażina? Jew ħafrilha?
4. Fiehem li kien jirrabja mal-qassisin u mal-Fariżej għax dawn ma kinux jemmnu ta' veru u kienu jagħmlu kollox biex jarawhom in-nies u mhux għax iħobbu veru lil alla.



5. Uri lit-tfal li għalkemm Ġesù kellu qalbu tajba ma kienx iħalli lil min jidħak bih. Għal Ġesù l-importanti kien li tkun trid tinbidel. Aħna wkoll irridu nġibu ruħna differenti ma' nies differenti. Ma' nies tajbin irridu nuru qalb tajba. Ma' nies li jħobbu l-ħażin irridu nkunu sodi u ngħidulhom li jekk mhux se jagħmlu t-tajjeb mhux se nibqgħu ħbieb magħhom.
6. Agħlaq il-lezzjoni billi tfakkar bil-mod ta' kif irridu nġibu ruħna mal-oħrajn jekk irridu nħobbu lil Ġesù.
7. Mat-tfal kanta mil-link: *Jesus loves little children.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Ġesù kien iġib ruħu differenti ma' nies differenti.
- Aħna wkoll irridu nġibu ruħna differenti ma' nies differenti. Xorta rridu nħobbu lil kulħadd.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li jħobbu lil xulxin bil-verità.
- It-tfal jagħrfu li ma' nies li jħobbu l-ħażin u jagħżlu l-ħażin iridu jkunu kapaċi jgħidu 'le' u 'daqshekk'.



**Nitolbu**

Mulej Ġesù,

għinni nħobb b'qalbi kollha u nkun ta' eżempju lil min m'għandux lil Ġesù f'qalbu biex dan ukoll isir tajjeb.

